**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 8 ta' Gunju 2001**

**Numru** 21
**Citaz. Nru.** 957/94 FDP

**Henry Petroni ghan-nom u in rapprezentanza ta' Petron Boats Limited**

**Vs**

**Emanuel Buttigieg, Carmen Vella, u Raymond Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konvenut Emanuel Buttigieg xtara minghand is-socjeta` attrici *speed boat* Gamasan

Reg. No. S-1026.2000 SL Sleath bis-sistema tal-*hire purchase* skond l-*agreement* anness mac-citazzjoni mmarkat Dok. A;

Premess illi meta l-istess *speed boat* kienet ghand is-socjeta` attrici ghal *servicing* u tiswija, il-konvenuta Carmen Vella fis-17 ta' Settembru 1992 otteniet il-hrug ta' Mandat ta' Qbid numru 1773/92 fl-ismijiet Carmen Vella kontra Emanuel Buttigieg ghall-kreditu ta' Lm2060 u in esekuzjoni tieghu giet maqbuda l-istess *speed boat*;

Premess illi b'digriet tas-17 ta' Novembru 1992 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fuq talba ta' Carmen Vella, ordnat il-bejgh bl-irkant ta' l-istess *speed boat*;

Premess illi s-socjeta` attrici talbet u otteniet l-izbank tas-somma ta' Lm1925 depozitata wara l-bejgh bl-irkant ta' l-istess *speed boat* u l-hlas ta' l-ispejjez kollha mir-rikavat tal-bejgh, in sodisfazzjoni tal-bilanc tal-prezz ta' l-i*speed boat* li kien ghadu dovut minn Emanuel Buttigieg;

Premess illi Emanuel Buttigieg b'citazzjoni numru 594/93 GMA fil-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet Emanuel Buttigieg vs Henry Petroni bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Petron Boats Ltd talab li s-socjeta` attrici tigi kkundannata thallsu s-somma ta' Lm4087 imhallsa akkont ta' bejgh bis-sistema ta' *hire purchase* ta' l-i*speed boat* imsemmija liema bejgh definittiv ma setghax isir minhabba l-inadempjenza tas-socjeta` attrici; bl-ispejjez u l-imghaxijiet min-notifika;

Premess li b'sentenza moghtija fit-3 ta' Mejju 1994 fil-kawza premessa l-Qorti tal-Kummerc iddecidiet li tilqa' t-talba ta' Emanuel Buttigieg kif dedotta billi kienet tirrizulta ppruvata in difett ta' prova kuntrarja u in vista tal-kapitolu ta' Emanuel Buttigieg, u l-Qorti iffissat terminu ta' hmistax-il gurnata biex is-socjeta` attrici tirritorna lil Emanuel Buttigieg il-kambjali accettati minnu; bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici;

Premess illi l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid premess numru 1773/92 fuq l-imsemmija *speed boat* li dak iz-zmien kienet fil-pussess tas-socjeta` attrici kif ukoll kienet ghadha proprjeta` taghha, liema esekuzzjoni saret tat-titlu li l-konvenuta Carmen Vella kellha kontra l-istess Emanuel Buttigieg, saret orrettizzjament;

Premess illi konsegwenzjalment il-bejgh bl-irkant u l-liberazzjoni ta' l-istess *speed boat* fit-18 ta' Dicembru 1992 favur il-konvenut Raymond Zammit saru orrettizzjament;

Premess illi s-sentenza imsemmija tal-Qorti tal-Kummerc moghtija fit-3 ta' Mejju 1994 fil-kawza premessa Citazzjoni numru 594/93 GMA inghatat orrettizzjament ghaliex: (a) il-konvenut Emanuel Buttigieg meta ippromwova l-azzjoni ma kellux dritt jippretendi li l-proprjeta` ta' l-i*speed boat* tghaddi lilu ghaliex ma kienx la hallas il-bilanc u lanqas offra li jhallsu u skond il-*hire purchase agreement* ta' l-i*speed boat* il-proprjeta` taghha kellha tibqa' tappartieni lis-socjeta` attrici sakemm javvera ruhu il-pagament intier tal-prezz ta' l-i*speed boat*; (b) il-konvenut

Emanuel Buttigieg meta ppromwova l-azzjoni imsemmija lanqas seta' jippretendi li jiehu pussess ta' l-i*speed boat de quo* minn ghand is-socjeta` attrici, ghaliex hija kienet milquta mill-Mandat ta' Qbid imsemmi mahrug fuq talba ta' kreditrici tieghu; (c) meta in esekuzzjoni tal-bejgh bl-irkant ordnat ta' l-istess *speed boat*, il-proprjeta` ta' l-i*speed boat* giet aggudikata lill-konvenut Raymond Zammit, l-i*speed boat* kienet xorta wahda suggetta ghall-*hire purchase agreement* bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut Emanuel Buttigieg, u allura l-obbligi kuntrattwali li s-socjeta` attrici kellha in forza ta' l-istess *hire purchase agreement*, cioe`, il-kiri ta' l-i*speed boat* lill-konvenut Emanuel Buttigieg u l-passagg tal-proprjeta` ta' l-i*speed boat* lil Emanuel Buttigieg meta huwa kien ihallas il-bilanc kollu tal-prezz intier, gew vestiti fil-proprjetarju akkwirent ta' l-i*speed boat*, il-konvenut Raymond Zammit, li favur tieghu l-i*speed boat* giet liberata imma kif suggetta ghall-kirja skond l-istess *hire purchase agreement* imsemmi;

Premess illi l-konvenut Emanuel Buttigieg ma ha ebda passi sabiex l-i*speed boat de quo* tigi kkunsinjata lilu mill-akkwirent taghha, il-konvenut Raymond Zammit, u jsir il-bejgh definittiv taghha minghand Raymond Zammit lil Emanuel Buttigieg, skond il-kundizzjonijiet tal-*hire purchase agreement* bejn Emanuel Buttigieg u s-socjeta` attrici;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-ordni tal-Qorti Civili Prim' Awla tas-17 ta' Novembru 1992 fuq rikors tal-konvenuta Carmen Vella biex l-i*speed boat* Gamasan Reg. No. 1026.2000 S.L. Sleath tinbiegh bl-irkant in esekuzjoni tal-kreditu ta' Carmen Vella kontra l-konvenut Emanuel Buttigieg kienet miksuba orrettizzjament u konsegwentement ghandha tigi ddikjarata inattendibbli; stante li l-istess *speed boat* ma kienetx proprjeta` tad-debitur Emanuel Buttigieg;

2. Tiddikjara li l-liberazzjoni ta' l-istess *speed boat* fit-18 ta' Dicembru 1992 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili favur il-konvenut Raymond Zammit bil-prezz ta' Lm2200 *tale quale* saret orrettizzjament u ghandha tigi ddikjarata inattendibbli minhabba r-ragunijiet premessi;

3. Tiddikjara li s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-3 ta' Mejju 1994 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Buttigieg vs Henry Petroni noe Citazzjoni numru 594/93 GMA inghatat orrettizzjament u kwindi ghandha tigi ddikjarata inattendibbli, minhabba r-ragunijiet suesposti li jigu addottati mill-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur *nomine*, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Raymond Zammit li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi l-bejgh ta' l-i*speed boat* indikata fic-citazzjoni a favur tieghu sar legalment u validament u dana kif jirrizulta wkoll miz-zewg dokumenti li huwa annetta ma' l-istess nota ta' l-eccezzjonijiet;

2. Illi ghalhekk, it-talbiet attrici kellhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine*;

Ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Raymond Zammit, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Buttigieg li fiha eccepixxa:-

1. Illi t-talba fil-konfront tieghu kienet infondata fil-fatt u fid-dritt peress li din illum tikkostitwixxi gudikat bejn il-partijiet, u minnha l-attur ma interpona ebda appell, jew ritrattazzjoni;

2. Illi ma kien hemm l-ebda nullita` li giet eccepita, u llum tali nullita` ma tistax titqajjem;

U ghamel ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Emanuel Buttigieg u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Carmen Vella illi fiha eccipiet:-

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti ma kinitx il-legittimu kontradittur u ghalhekk kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi suboridnatament u bla pregudizzju, l-eccipjenti ma thallsitx ghall-kreditu kanonizzat taghha kontra l-konvenut Emanuel Buttigieg mill-proceduri tas-subbasta imsemmija fic-citazzjoni odjerna;

U ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta Carmen Vella u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Semghet lill-partijiet u lix-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u ghamlet ukoll referenza ghall-proceduri ohra indikati mill-partijiet;

Semghet lid-difensuri;

Ikkonsidrat:-

Illi f'din il-kawza l-attur *nomine* qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara inattendibbli ordni tal-Qorti ghal bejgh b'subbasta ta' *speed boat* bin-numru S-1026.2000, kif ukoll il-liberazzjoni ta' l-istess *speed boat* favur il-konvenut Raymond Zammit u anki li tigi dikjarata wkoll inattendibbli sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-3 ta' Mejju 1994;

Illi fid-dikjarazzjoni tieghu l-attur *nomine* jissottometti illi anki l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 1773/92 dwar l-istess *speed boat* saret ukoll orretizzjament;

Illi rrizulta li l-konvenut Buttigieg kien akkwista minghand is-socjeta` attrici *speed boat* skond ftehim li jinsab esebit a fol 7 u 8 tal-process; huwa ha l-lanca, hallas somma akkont u ghal zmien hallas ukoll il-pagamenti rateali miftehma. Illi wara xi zmien huwa dahhal il-lanca ghal xi xoghlijiet ghand l-istess socjeta` attrici u waqt li dina kienet fil-mahzen ta' dina s-socjeta`, din il-lanca giet maqbuda b'Mandat ta' Qbid li kien inhareg fuq talba tal-konvenuta Carmen Vella peress li hija kellha tiehu xi flus minghand il-konvenut l-iehor Buttigieg; in segwitu, fuq talba ta' l-istess konvenuta Carmen Vella gie ordnat il-bejgh ta' din il-lanca u fis-subbasta li segwiet dina kienet giet liberata (Dok C) favur il-konvenut l-iehor Raymond Zammit li in segwitu ghamel il-pagament opportun fir-Registru tal-Qorti;

Illi dan l-ammont hekk imhallas fir-Registru tal-Qorti, gie ftit wara zbankat mill-istess socjeta` attrici peress illi ma kienetx ghadha thallset il-

bilanc kollu minghand il-konvenut Buttigieg proprju ghall-istess lanca;

Illi in segwitu l-konvenut Buttigieg ipprezenta citazzjoni kontra l-attur *nomine* peress illi huwa kien lahaq hallas ammont sostanzjali fl-akkwist ta' l-imsemmija lanca izda ma kellu xejn. Dina l-kawza intavolata minn Buttigieg kontra s-socjeta` attrici giet deciza fit-3 ta' Mejju 1994. In segwitu ghal dawn il-proceduri imsemmija l-attur *nomine* intavola aktar minn xahrejn wara d-data ta' l-imsemmija sentenza, ic-citazzjoni odjerna - ma kien ipprezenta ebda opposizzjoni jew appell ghall-imsemmija atti l-ohra;

Illi l-attur *nomine* l-ewwel jitlob li jigi dikjarat inattendibbli peress li nkiseb orrettizzjament l-ordni tal-Qorti fejn gie ordnat il-bejgh in subbasta tal-lanca li kienet giet maqbuda bl-imsemmi mandat li kien inhareg qabel;

Illi rrizulta li din l-ordni tal-Qorti kienet inghatat fid-dawl ta' sentenza illi l-konvenuta Carmen Vella kienet ottjeniet kontra l-konvenut l-iehor Buttigieg fit-30 ta' April 1992, u ghalhekk dik l-ordni tal-Qorti tidher li inghatat ghal kollox b'mod normali barra minn legali.

Illi l-attur *nomine* jikkontendi li "*l-ispeed boat ma kienetx il-proprjeta` tal-konvenut Buttigieg izda tas-socjeta` attrici*"; irrizulta pero` illi ghalkemm l-attur *nomine* kien prezenti meta din il-lanca nqabbdet mill-Marixxall u fi kliemu stess kien jaf li l-lanca hekk maqbuda kienet tieghu, ma ha l-ebda pass biex ihares dak li kien isostni li kien id-dritt tieghu;

Illi l-attur *nomine* ipprova jghid illi huwa kien ipprotesta mal-Marixxall peress li l-lanca kienet tieghu, imma dan gie michud meta dan il-Marixxall koncernat tressaq biex jaghti x-xhieda tieghu quddiem il-Qorti. Anki kieku kien dan, l-attur *nomine* xorta wahda kellu l-obbligu li jiehu l-passi legali mehtiega biex ihares l-interess li seta' kien jemmen li huwa ghandu fuq l-imsemmija *speed boat*;

Illi barra minn dan l-avukat Dr. Joe Brincat xehed illi huwa kien kiteb u anke kellem lill-attur; l-attur jichad li Dr. Brincat kien kellmu. Dr. Joe Brincat fix-xhieda tieghu stqarr "*Ghandi nghid illi qabel saret din ic-citazzjoni u anke qabel ma saret is-subbasta fiha innifha, jiena kont gbidt l-attenzjoni ta' l-attur Petroni u kellimtu u spjegajtlu x'responsabiltajiet kellu peress li d-dghajsa li kienet qed tinbiegh kienet ghadha registrata f'ismu, u dan in vista tal-fatt li Buttigieg kellu biss hire purchase agreement*". B'dana kollu mill-provi jirrizulta li l-attur ma ha l-ebda pass f'dan ir-rigward;

Illi ghalhekk il-Qorti ma tarax illi tista' tilqa' l-ewwel domanda ta' l-attur *nomine* anki fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti fir-rigward.

Illi l-attur *nomine* fit-tieni domanda tieghu talab ukoll li, ghall-istess ragunijiet u spjegazzjonijiet moghtija fic-citazzjoni, anki l-bejgh in subbasta li sehh fit-18 ta' Dicembru 1992 ghandu wkoll jigi dikjarat inattendibbli peress li sar orrettizzjament.

Illi l-attur ma ippruvax li kien hemm xi nuqqasijiet fil-procedura segwita u l-Qorti taghti wkoll hafna importanza lil fatt li, oltre li l-lanca inqabdet proprju mill-mahzen ta' l-attur *nomine*, anki l-bejgh fih innifsu sar ukoll fl-istess post u fil-presenza ta' l-istess attur; kollox jidher li mexa' b'mod regolari u kien wara li sar il-bejgh in subbasta li l-attur ha l-ewwel inizjattiva tieghu meta pprezenta rikors biex il-flus mil-liberazzjoni li segwiet dik is-subbasta (li llum qed jitlob li tigi skartata) jigu liberati favur tieghu. Ghalkemm ma rrizultax taht liema titolu saret din it-talba ghall-izbank, huwa pacifiku li s-socjeta` attrici zbankat il-prezz li Zammit kien hallas ghal-lanca. Jigi konfermat li barra li ha l-flus depozitati, l-attur *nomine* ma opponiex ghal-liberazzjoni li inforza taghha kien zbanka r-rikavat;

Illi ghalhekk anki dwar it-tieni domanda, il-Qorti tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u sejra tichad l-imsemmija domanda;

Illi t-tielet domanda ta' l-attur *nomine* tikkoncerna sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-3 ta' Mejju 1994 fil-kawza bin-numru 594/93 GMA; ippremetta li anke din is-sentenza inghatat orrettizzjament u kellha tigi dikjarata inattendibbli, u dan peress li l-konvenut Buttigieg (l-attur fil-kawza l-ohra) ma kienx hallas il-prezz u konsegwentement il-lanca kienet ghadha proprjeta` ta' l-attur *nomine*, u anke peress li din kienet milquta b'Mandat ta' Qbid u kienet ghadha suggetta ghal ftehim originali imsemmi a fol 7 u 8 tal-process;

Illi dawn is-sottomissjonijiet setghu u messhom gew imressqa quddiem l-ewwel Qorti li kienet ser tiddeciedi proprju fuq il-kundanna mitluba mill-konvenut Buttigieg. Dan ma sarx u l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza wara diversi differimenti;

Illi l-attur ipprova jaghti spjegazzjoni ta' nuqqas ta' attenzjoni da parti tad-difensuri tieghu f'dik il-kawza, u l-Qorti kkonsidrat ukoll il-process ta' l-imsemmija kawza 594/93 li jinsab fir-Registru u minnha jidher li ghalkemm l-attur odjern kien ipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu huwa qatt ma kien deher ghall-ebda udjenza quddiem il-Qorti; meta il-konvenut Petroni baqa' ma deherx, sar kapitolu u l-avukat tieghu ipprezenta anke rikors biex jidher halli l-patrocinat tieghu (l-attur odjern) jaghti l-ispjegazzjonijiet tieghu; imma anqas din id-darba Petroni ma deherx ghas-seduta ta' wara u huwa sinifikattiv il-verbal maghmul mid-difensur tieghu illi ddikjara li Petroni kien jaf bis-seduta izda xorta baqa' ma deherx. Dana kollu juri li l-Qorti tal-Kummerc kienet ghal kollox regolari meta ghaddiet ghas-sentenza imsemmija;

Illi anki wara din is-sentenza l-attur ma intavola l-ebda procedura u anqas ittanta r-ritrattazzjoni u ghalhekk ma jidhirx li kellu ebda raguni valida bhal dik li qed jipprova jressaq fil-proceduri odjerni;

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez il-Qorti tirrileva li l-konvenuta Vella kienet thallset is-sorte kollu li kellha tiehu minghand il-konvenut Buttigieg izda halliet ghaddejjin il-proceduri li

kienet intavolat meta kienet ghadha kreditrici ta' l-istess Vella.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad t-Talbiet Attrici.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attur *nomine* hlief ghal dawk tal-konvenuta Carmen Vella li ghandhom jibqghu sopportati mill-istess Carmen Vella.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur